**Kunsill Lokali**
**ĦAL GĦAXAQ**

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2016

*imhejji minn Fiona Said,* ***Segreterju Ezekuttiv***

## *Introduzzjoni*

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-ħidma għall-perjodu ta bejn l-1 ta' Jannar 2016 u l-31 ta' Diċembru 2016 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret mill-Kunsill Lokali flimkien mal-proġetti ppjanati għas-sena 2017.

Il-Kunsill tagħna għal sena oħra reġa' kellu programm sħiħ ta' xogħlijiet fil-qasam ta' manutenzjoni, xogħlijiet infrastrutturali u tisbieħ tal-lokalita'. Il-Kunsill dejjem jipprova jagħmel mill-aħjar biex bir-riżorsi u l-fondi allokati lilu mill-Gvern Ċentrali jaqdi il-prioritajiet u l-eżigenzi tal-lokalita'.
L-akbar sfida li ghandu l-Kunsill tibqa li jizgura li jkompli joffri s-servizzi kollha ezistenti filwaqt li jkompli joffri servizzi ohra godda.

Il-Kunsill ta' Ħal Ghaxaq matul din is-sena f'Jannar impjega skrivan ġdid fuq Skala 16. L-Ufficcju Amministrattiv huwa kompost minn:

## ***Impjegati***

| | |
|---|---|
| Fiona Said | ***Segretarju Ezekuttiv*** |
| Donna Mallia | ***Assistent Principal*** |
| Shaun Spiteri | ***Assistent Skrivan*** |
| Dennis Psaila | ***Kaxxier*** **(CIES scheme)** |

Matul din is-sena saru 15-il laqgħa mal-Kunsilliera tas-Seba' Leġislatura fejn l-attendenza għal laqgħat tal-Kunsill kienet waħda tajba.

## *Is-Seba' Legislatura*
## *Minn April 2013*

| | |
|---|---|
| Darren Abela | ***Sindku*** |
| Emanuel Vassallo | ***Vici Sindku*** |
| Rose Agius | ***Kunsilliera*** |
| Keith Fenech | ***Kunsillier*** |
| Marianne Schembri | ***Kunsilliera*** |
| Fiona Said | ***Segretarju Ezekuttiv*** |

## *Attendenza ghal-Laqghat tal-Kunsill*
## *Jannar-Dicembru 2016*

| Laqghat Nru 49-63 | Darren Abela | Emanuel Vassallo | Rose Agius | Keith Fenech | Miriam Schembri |
|---|---|---|---|---|---|
| Attendenza | 15/15 | 15/15 | 15/15 | 13/15<br>2 skuzat | 13/15<br>2 skuzata |

Il-Kunsill kellu ukoll l-ghajnuna ta' zewg haddiema tal-IPSL li jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fil-lokalita' kif ukoll ħaddiema tal-ETC li minn Marzu ta' din is-sena bdew taħt Skema ġdida tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* mal-Kunsill Lokali fejn komplew jgħinu fit-tisħiħ infrastrutturali kif ukoll jieħdu ħsieb il-ġonna, tindif tal-ufficini, tal-berga u l-librerija u jwettqu xi xogħol iehor li jiġi assenjat lilhom.

L-allokazzjoni Finanzjarja ghal din is-sena kienet tammonta €321,138 li kienet maqsuma kif indikat hawn taht:

- Parks, Gonna u Soft Areas €10,476
- Manutenzjoni ta' Toroq €120,958
- Immanigjar tal-Iskart €78,504
- Nefqa ghall-amministrazzjoni €84,667
- Fond ghall-aggustament €5,267
- Ammont allokat ghal *tipping fees* €21,090

## Organizzazzjonijiet

Il-Kunsill Lokali baqa' jżomm relazzjonijiet tajba mal-Għaqdiet tal-qasam tal-voluntarjat fir-Raħal u entitajiet oħra li huma parti essenzjali fil-ħidma ta' kuljum tagħna, inkluż dawk li ma humiex fl-istess lokal.

## Ħidma Ġenerali

Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali tibqa' għaddejja sena wara oħra bla ebda waqfien.

Insemmu dak li sar f'Ħal Għaxaq mill-Kunsill għaliex f'dak kollhu li sar kien hemm strateġija sabiex l-ewwel jitwettqu l-prijoritajiet, u ma jsirx infieq bla bżonn jew iżjed milli meħtieġ.

Ix-xogħol primarju tal-Kunsill jibqa' dejjem l-istess ta' dak li kien fil-passat, għalkemm bil-finanzi ma jkunx dejjem possibbli li jsir dak kollu li wieħed jixtieq. Bħal kull sena l-parti l-kbira tal-fondi jkunu allokati fuq kuntratti speċifiċi. Kien hemm xi tibdil fil-haddiema interni tal-Kunsill b'żieda ta' impjegat ieħor klerikali, fl-uffiċini tal-Kunsill u fis-sede tal-Kunsill sabiex issetjajna l-pożizzjonijiet li kellna bżonn sabiex l-uffiċini jiffunzjonaw bl-ahjar mod possibbli u b'hekk is-servizzi li jingħataw lir-Residenti jkunu mill-aqwa .

## Sahha

Bhas-Snin precedenti il-Kunsill ha hsieb li ghal sena ohra jerga jaghti it-Tilqima ta' kontra l-influwenza bil-kollaborazzjoni tal-ispizeriji ewlenin fil-lokalita'. Il-Kunsill qed ikompli jtejjeb is-servizzi li toffri il-Berga tal-lokal li issa giet devoluta lill-Kunsill Lokali u qed inkompli ntejbu dan is-servizz ghall-beneficcju tar-residenti taghna.

## *HIDMA U XOGHLIJIET INFRASTRUTTURALI 2016*

Il-Kunsill għandu l-ħsieb li fis-snin li gejjin jaghti wicc gdid lil Triq St.Marija u Triq il-Gudja bil-bankini b'kollox. Il-ħidma tal-Kunsill f'dan il-qasam issoktat b'xogħolijiet ta' *patching*, rifriskar ta' żebgħa tat-toroq, tabelli tat-toroq u mantenzjonijiet fejn kien hemm il-ħtieġa li saru minn ħaddiema li ġew assenjati mal-Kunsill Lokali. Bħala rutina ta' kull sena ħadna ħsieb it-tindif tal-*water culverts* ta' madwar il-lokal.

F'din is-sena wkoll il-Kunsill Lokali ta' wiċċ ġdid bit-tarmak lil Triq il-Milwa. Saru wkoll toroq ġodda minn *Transport Malta*. Dawn kienu Triq il-Garakol, Triq GijoMarija Farrugia u Triq Wenzu Dalli.

Beda wkoll xogħol infrastrutturali f'Dawret Ħal Għaxaq minn *Transport Malta* fejn s'issa ġiet irranġata bankina li kien diġa' hemm u anke saret ġdida fejn ma kienx hemm. B'hekk din it-triq arterjali qed issir aktar sigura' u fl-istess waqt hi aċċessabbli għal kulħadd.

Il-Kunsill kompla nvesta u żid id-*doggybins* u *litter bins* madwar Ħal Għaxaq ħalli b'hekk ir-rimi ta' skart abbusiv jiġi mnaqqas. Fi Pjazza San Filippu saru bollards ġodda bil-pjanti, dawn qed iservu ta' sigurta' għar-residenzi tal-madwar u fl-istess waqt isebbħu din il-Pjazza. Il-ħsieb tal-Kunsill hu li jkompli jżid dawn il-bollards fejn ikun meħtieġ.

Saru diversi ħitan madwar il-lokal mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*. Din l-inizjattiva kienet marbuta mal-'*European for Waste Reduction'*, dawn saru f'siti li kien jsir ħafna rimi ta' skart abbusiv ġo fihom. Bis-saħħa t'hekk dawn ġew imnaddfa u l-għan prinċipal huwa li forsi jitnaqqsu dawn l-abbużi.

## ATTIVITAJIET ORGANIZZATI FL-2016

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq għall-ewwel darba organizza attivita' unika ghall-familja kollha *Cheese and Wine Festival* bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Ħal Għaxaq din saret fi Pjazza St.Marija fejn kien hemm diversi *stands* b'ħafna tipi ta' ġobon u nbid differenti. L-attivita' kienet waħda ta' suċċess u kien hemm attendenza tajba ta' nies. Il-ħsieb tal-Kunsill huwa li din l-attivita' isir kull sena u tikber fil-popolarita' tagħha ħalli b'hekk din tkun imniżla fil-kalendarju lokali.

Din is-sena il-Kunsill reġa' organizza it-tberik tal-annimali, fejn għal din is-sena kien hemm konkorenza tajba wkoll.

Matul is-sena ġew organizzati diversi attivitajiet żgħar oħra immirati għat-tfal tal-Iskola Primarja tal-Lokali flimkien mal-Kunsill taż-Żgħażagħ fejn fosthom kellhom ħargiet ġewwa l-Inspire, eċċċ

## Kultura

Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb ukoll biex ikabbar l-organizzazzjoni tal-Festi tal-Karnival fir-raħal peress li dan hu qasam li dejjem kien magħruf sew għalih.

Għal sena oħra reġa' ġie organizzat il-Karnival Spontanju Għaxqi fejn din is-sena ingħatajna ukoll xi fondi minn skema maħruġa mid-Dipartment tal-Gvern Lokali. L-Attivitajiet saru fil-Pjazza nhar l-Ħadd filgħaxija biż-żfin u l-banda, filwaqt li t-Tnejn u t-Tlieta reġgħu saru l-kompetizzjonijiet għall-aħjar kostum, l-isbaħ maskla, l-aħjar karru u l-aħjar grupp ta' maskarati. Saret ukoll kampanja qawwija ta' pubbliċita' fuq il-midja soċjali sabiex dejjem nippromwovu dan il-Karnival uniku f'Malta.

Il-Kunsill Lokali l-għan tiegħu hu sabiex dejjem jikseb aktar fondi ħalli b'hekk din l-attivita' li hi sinonima ma' Ħal Għaxaq dejjem tikber u tkun ta' suċċess sena wara oħra.

## Sport

Din is-sena il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq reġa' organizza *Summer School* bil-kollaborazzjoni man-*Nursery* tal-lokal tagħna. Kellna parteċipazzjoni ta' 'l fuq minn 40 tifel u tifla. Il-ħsieb tal-Kunsill huwa li jkompli jinvesti fit-tfal u żgħażagħ b'dawn l-attivitajiet ħalli b'hekk jiġu mbegħda minn ċerti vizzji.

## Sigurta'

Il-Kunsill Lokali bħal kull sena baqa' jżomm kuntatt regolari mall-Uffiċċjali tal-Korp tal-Pulizija Distrettwali u mal-Gwardjani Lokali biex jiġu diskussi l-problemi relatati mal-qasam tagħhom u nipprevjenu problemi li jistgħu jinqalgħu u wkoll biex inkomplu fejn hu possibbli nedukaw lir-residenti fejn jidħol immaniġġjar fit-toroq u kontra l-abbużi.

## Ambjent

F'dan il-qasam, din is-sena il-Kunsill ħadem ħafna, kemm fejn jidħol it-tindif ta' toroq, sistemi ġodda għal ġbir ta' skart, twaħħil ta' *cameras* ta' sigurta' fejn l-aktar siti li nħass li jsiru abbużi ta' rimi ta' skart għal aktar kontroll fuq rimi illegali, kif ukoll infurzar.

B'sodisfazzjoni il-Kunsill reġa' ngħata għal sena oħra konsekuttiva rikonoxximent mill-Greenpak u anke mill-WasteServ għall-iktar lokalita' li għamlet progress fejn jidħol il-qasam ta' Skart Reċiklat. Il-Kunsill kontinwament joffri servizz ta' informazzjoni dwar il-ġbir ta' l-iskart riċiklat. Ringrazzjament imur lir-residenti li qed juru parteċipazzjoni tajba dwar dan il-qasam u nkomplu nħeġġu aktar lir-residenti sabiex is-sehem tagħhom ikompli jikber.

Kellna ammont sabiħ ta' persuni li ipparteċipaw bi ħġarhom fl-introduzzjoni tal-iskema ta' skart organiku. Il-Kunsill ħadem ukoll biex jinbidlu xi ġranet tal-ġbir biex din is-sistema tibqa' takkomoda l-bżonnijiet tar-residenti tagħna, fejn introduċejna sistema li llum nistgħu ngħidu li hija l-aħjar sistema fejn naqqsu drastikament lmenti u aktar nies qed jippartecipaw. Il-Kunsill taghna se jkompli jimxi dejjem il-quddiem fis-sistemi li ser iwasslu biex Malta kollha tigi *in forma* mar-regoli Ewropej dwar is-separazzjoni tal-iskart u ambjent sostenibbli.

Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb sabiex isir it-tindif taż-żoni ta' fejn il-gawnd tal-Andar u anke Ħas Saptan flimkien ma' Għaqdiet volontarji u wkoll bil-kollaborazzjoni tad-Direttorat tat-tindif.

## Edukazzjoni

Bħal kull sena l-Kunsill reġa' organizza wkoll il-korsijiet tal-*Lifelong Learning* fejn bhala kors sar dak tal-Bizzilla. Komplew isiru s-sessjonijiet tal-'Aqra Mieghi' fejn l-interess jidher li qed jizdied kull sena.

Sabiex il-Kunsill ikompli jippromwovi l-Edukazzjoni, il-Kunsill ħa ħsieb jorganizza kors tal-*EM Citizen*.

Il-Kunsill bħal kull sena żied kemm fl-etajiet, kwantita' u anke varjazzjoni ta' kotba għall-Librerija tal-Lokal. Il-Kunsill ikompli jħeġġeġ lill-pubbliku jinvesti fit-tagħlim u l-qari.

## L-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL U L-KUNTATT MAR-RESIDENTI

Biex il-Kunsill jibqa jżomm kuntatt mar-residenti ħa ħsieb jorganizza attivitajiet minn żmien għal ieħor. Għal żmien il-Milied reġgħet ġiet organizzata l-ikla ghall- anzjani. Dawn l-attivitajiet isiru bla qliegħ u jkunu l-istess residenti li jħallsu għalihom.

Għal żmien il-Milied, bħas-snin preċedenti l-Kunsill ħaseb ukoll biex idaħħal l-ispirtu ferrieħi ta' dawn il-festi u ħa ħsieb jagħmel tiżjin u dekorazzjonijiet tal-Milied fil-qalba tar-Raħal.

Fl-istess waqt bqajna nagħtu servizz lir-residenti billi offrejna korsijiet, bqajna nagħtu l-possibilta' li jitħallsu kontijiet tad-dawl u ilma, minbarra dawk li huma b'obbligu tagħna bħal ħlas tal-kirjiet, tal-permessi, liċenzji tal-ħwienet u ċitazzjonijiet. Servizz ieħor huwa t-tilqim kontra l-influwenza għal dawk li huma ntitolati. Servizz ġdid li ġie introdott lejn l-aħħar ta' din is-sena kien ir-rimi ta' skart żgħir elettroniku *WEEE* fejn kellna *trolley* ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali għad-dispożizzjoni tar-residenti.

Matul l-2016 l-Kunsill Lokali rċieva numru sostanzjali ta' lmenti. Minn dawn numru konsiderevoli, anzi l-parti l-kbira tagħhom, ġew solvuti, speċjalment dawk fejn jiddependi materji mill-Kunsill Lokali jew jaqgħu fil-kompetenza tagħna.

Għalkemm sar progress kbir u r-residenti ssistematizzaw ruħhom mal-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart għad hemm lok għal edukazzjoni lir-Residenti biex isir aktar reċiklaġġ ta' materjal separat, fejn rajna avvanz u koperazzjoni mill-pubbliku. Il-Kunsill għadu joffri wkoll is-servizz ta' ġbir ta' materjal goff li jsir darbtejn fil-ġimgħa. Il-Kunsill dejjem jieħu ħsieb is-saħħa tar-residenti u għaldaqstant jixtieq li r-residenti jevitaw li jarmu ħmieġ barra u b'hekk tkun evitata dehra kerha u l-abbużi tal-ħmieġ fil-Lokal. Il-Kunsill qed ikompli jaffaċċja l-problema ta' rimi ta' skart kemm domestiku u kemm goff fejn il-*bring-in-sites* fejn il-Kunsill baqa' jinstalla *cameras* sabiex dan jigi kkontrollat iżda din il-problema tibqa' tkun li mhux dejjem jigi identifikat il-persuna li twettaq dawn l-atti irresponsabbli.

Għal futur il-Kunsill se jkompli bil-ħidma biex itejjeb is-servizzi kollha li jista' joffri. Huwa diffiċli li tlaħħaq mal-problemi kollha li jkun hawn fil-lokal, iżda żgur li qed isir dak kollu possibbli sabiex il-liġijiet tal-pajjiż jkunu mħarsa.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ - RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2016**

***OQSMA TA' ĦIDMA TAL-KUNSILL***

---

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq jirringrazzja lir-Residenti għal koperazzjoni li qed isib ħalli b'hekk il-livell miksub f'dawn l-aħħar snin jibqa' jitwettaq. Xorta waħda nappellaw għal miljorament dwar l-abbużi madwar il-lokalita' li sfortunament qegħdin iseħħu u li ma jagħmlux ġieħ lil Ħal Għaxaq.

Għaldaqstant qed nitolbu għal aktar koperazzjoni mir-Residenti biex meta tiltaqu ma' xi forma ta' abbuż dan jiġi rrapurtat lill-Kunsill sabiex b'hekk inkunu nistgħu nieħdu l-passi kollha meħtieġa.

L-Għan prinċipali u ewlieni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq hu li jkompli jaħdem u jtejjeb minn kull anġolu u qasam il-ħajja tar-Residenti Għaxqin.

**Fiona Said**
Segretarju Eżekuttiv

.